MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT
DEPARTMENT FOR CURRICULUM, LIFELONG LEARNING
AND EMPLOYABILITY

**ĊIRKULARI**

**Data:** 3 t'April, 2020 **Ref:** DCLE 08/2020

**Lill-:** Lill-Iskejjel kollha: (Stat, Knisja u Indipendenti)

**Mingħand:** is-Sur Stephen Cachia, Direttur Ġenerali

**Suġġett:** **Tagħlim *online* għat-tielet term 2019/20**

---

Għeżież kollegi,

Wara d-deċiżjoni li jiġi estiż l-għeluq tal-iskejjel sa tmiem is-sena skolastika attwali, il-Grupp ta' Ħidma stabbilit mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi kompla jaħdem biex isaħħaħ il-metodi ta' tagħlim *online* matul it-tielet term ta' din is-sena skolastika kif ukoll biex jesplora l-impatt tas-sitwazzjoni preżenti fuq il-kurrikulu. Il-grupp ta' ħidma huwa magħmul minn rappreżentanti mit-tliet setturi: L-Istat, il-Knisja u l-Iskejjel Indipendenti, flimkien mal-Malta Union of Teachers.

Il-grupp ta' ħidma jixtieq jirringrazzja lill-iskejjel u lill-edukaturi kollha għall-isforzi qawwija tagħhom biex jipprovdu tagħlim *online* kif ukoll lill-ġenituri/tuturi u lill-istudenti kollha għall-involviment u l-kollaborazzjoni tagħhom.

Issa ntlaħaq qbil dwar il-punti li ġejjin:

- It-tagħlim *online* għandu jkompli għas-snin kollha sa tmiem is-sena skolastika attwali, inkluż il-livell postsekondarju, skont il-linji gwida maħruġa s'issa u li ser ikomplu jinħarġu mill-Grupp ta' Ħidma.

- L-edukaturi kollha huma mistennija li jikkomunikaw mal-istudenti kollha tagħhom biex jipprovdu servizz edukattiv. L-edukaturi jistgħu jużaw id-diskrezzjoni tagħhom stess fuq l-użu tal-pjattaforma *online* preferuta biex jintlaħqu l-istudenti. Huma mħeġġa jużaw il-pjattaformi uffiċjali approvati rispettivi tal-iskejjel tagħhom jew tad-Direttorati Edukattivi biex jiżguraw is-support, is-sikurezza u s-sigurtà.

- Kwalunkwe interazzjoni diretta fil-ħin reali mal-istudenti għandha titwettaq matul il-perjodi eżistenti tal-ħin allokati lis-suġġetti rispettivi fis-Sekondarji u fil-jum ta' l-iskola rispettiv fil-Primarja. Dan ma jistax jiġi estiż lil hinn mill-ħinijiet tal-iskola jew jiem tal-iskola rispettivi. Filwaqt li livell ta' kuntatt u ta' servizz huwa mistenni mill-professjonisti kollha, m'għandha ssir l-ebda pressjoni fuq l-edukaturi biex iwettqu tagħlim dirett permezz ta' *video streams* jew mod ieħor.

- Kull laqgħa msejħa mill-maniġment għandha ssir waqt il-ħinijiet tal-iskola filwaqt li tirrispetta l-iskedi tal-ħinijiet u l-ħtiġijiet tal-edukaturi li jilħqu l-istudenti matul dan il-perjodu.

- L-edukaturi għandhom id-dritt li jiskonnettjaw mill-pjattaformi *online* u mix-xogħol. Ma għandu jkun hemm l-ebda komunikazzjoni mill-maniġment jew mill-pubbliku ġenerali u jistenna li din tiġi indirizzata matul tmiem il-ġimgħa, il-vaganzi jew fi żmien qasir bħal mil-lum għall-għada. It-tagħlim *online* għandu jieqaf matul tmiem il-ġimgħa u l-perjodi ta' vaganzi.

- L-għalliema tal-11-il Sena u għalliema tat-2 Sena post-sekondarja għandhom jibqgħu disponibbli għall-istudenti matul it-tielet term kif mitlub mill-istudenti iżda ma għandhomx għalfejn isegwu xi struttura formali.

- Matul it-tielet term, l-edukaturi għandhom ikopru l-aspetti l-aktar importanti tas-sillabi rispettivi u li jistgħu jiġu mgħallma b'metodi *online* ta' tagħlim. Minħabba s-sitwazzjoni attwali, huwa ċar li mhuwiex possibbli li wieħed jassumi li s-sillabi sħaħ għall-gruppi kollha tas-sena jistgħu jiġu koperti. Għalhekk, il-grupp ta' ħidma ser ikun qed jesplora u janalizza l-impatt tas-sitwazzjoni attwali fuq is-sillabi u l-eżamijiet rispettivi. Il-grupp ta' ħidma ser jiddiskuti miżuri ta' mitigazzjoni biex dan jiġi indirizzat għas-sena skolastika li jmiss u snin sussegwenti skolastiċi jekk ikun meħtieġ.

- F'dan il-kuntest minħabba l-impatt tas-sitwazzjoni preżenti fuq is-sistema edukattiva kollha, l-iskeda annwali ta' implimentazzjoni ppjanata tal-programmi tal-*Learning Outcomes*, inkluż il-mudell il-ġdid tas-SEC, mhux se tkompli matul is-sena skolastika li jmiss u se tiġi **posposta** għas-sena ta' wara. Dan ifisser li l-għalliema fis-Sena 1, is-Sena 5 u s-Sena 9 se jkomplu jaħdmu bis-sillabi preżenti matul is-sena skolastika 2020–2021.

- Matul it-tielet term, l-enfasi tal-iskejjel għandha tkun fuq it- tagħlim *online* lill-istudenti. Għal din ir-raġuni, mhux mistenni li jsir xogħol fuq Pjanijiet ta' Żvilupp għall-Iskejjel matul dan il-perjodu.

- L-edukaturi ser jagħmlu ħilithom biex jipprovdu *feedback* realistiku u f'waqtu biex l-istudenti jinżammu motivati u biex il-proċess ta' tagħlim ikompli. Il-pubbliku ġenerali huwa mistieden li jżomm aspettattivi realistiċi dwar it-tip u l-firxa tal-*feedback* ipprovdut.

- Se jingħata appoġġ sħiħ lill-edukaturi kollha biex jiġi żgurat li d-drittijiet tagħhom ikunu protetti kemm fir-rigward tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali relatati mal-materjal oriġinali kollu u r-riżorsi użati *online* minn edukaturi kif ukoll għal użu ħażin potenzjali ta' materjal bħal dan minn partijiet terzi.

- L-individwi, il-minorenni u l-professjonisti kollha għandhom id-dritt li jħossu u li jkunu sikuri wkoll *online*. Se jiġi adottat approċċ ta' tolleranza ZERO billi jindirizza kull rapport verifikat ta' mġiba mhux xierqa jew abbużiva. Il-leġiżlazzjonijiet applikabbli kollha fuq l-imġiba abbużiva in ġenerali u l-protezzjoni tal-minuri japplikaw u se jiġu infurzati kif xieraq.

- Fl-aħħar nett, il-grupp ta' ħidma jixtieq jirringrazzja lill-iskejjel u lill-edukaturi kollha għall-impenn tagħhom matul dawn iż-żminijiet ta' sfida. L-edukaturi li għadhom qed jesperjenzaw diffikultà biex jikkuntattjaw lill-istudenti tagħhom *online* għandhom jikkoordinaw ma' l-iskola tagħhom jew li jużaw l-appoġġ u l-*helpline* offruti fuq digitalliteracy.skola.edu.mt. Riżorsi edukattivi huma disponibbli wkoll fuq www.curriculum.gov.mt.

Stephen Cachia
Direttur Ġenerali
Kurrikulu, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilita'

t + 356 2598 2503 e stephen.b.cachia@gov.mt / dg.dcle.mede@gov.mt | www.education.gov.mt